VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,001, 1 ta' Ġunju, 2018

Taqsima B

A.L. 175 tal-2018

ATT DWAR ŻIBEL U SKART
(KAP. 206)

Regolamenti tal-2018 dwar ir-Rimi u Ġbir ta' Skart fil-Belt Valletta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10A tal-Att dwar Żibel u Skart, il-Ministru tas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2018 dwar ir-Rimi u Ġbir ta' Skart fil-Belt Valletta. Titolu u bidu fis-seħħ. L.S. 206.02

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għas-saħħa jista', permezz ta' avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"awtoritajiet kompetenti" tfisser dawk l-awtoritajiet li għandhom is-setgħa li jirregolaw il-ġbir tal-iskart fil-Belt Valletta, inkluż il-ġranet u l-ħinijiet li fihom ikun jista' jsir il-ġbir tal-iskart;

"Diviżjoni" tfisser id-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni;

"Kunsill Lokali" tfisser il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta;

"skart" għandu l-istess tifsira mogħtija lilu fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart; L.S. 549.63

"skart kummerċjali" għandu l-istess tifsira mogħtija lilu fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart; L.S. 549.63

"skart solidu muniċipali" għandu l-istess tifsira mogħtija lilu fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart; L.S. 549.63

"skart tal-ippakkjar" għandu l-istess tifsira mogħtija lilu fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar l-Iskart; L.S. 549.63

"trasportatur ta' skart solidu muniċipali" jfisser, għall-finijiet ta' dawn ir-Regolamenti, trasportatur tal-iskart li jkun reġistrat mal-Awtorità dwar l-Ambjent u r-Riżorsi għall-ġarr ta' skart mhux perikoluż u inerti skont ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' L.S. 549.45

VERŻJONI ELETTRONIKA

Attivitajiet fil-Maniġġar ta' Skart;

"trasportatur tal-iskart kummerċjali" jfisser, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, trasportatur tal-iskart li jkun reġistrat mal-Awtorità dwar l-Ambjent u r-Riżorsi għall-ġarr ta' skart mhux perikoluż u inerti skont ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Attivitajiet fil-Maniġġar ta' Skart u li jkun munit b'vetturi li d-daqs u l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti fil-paragrafu (b) tal-Ewwel Skeda;

L.S. 549.45

"Valletta" tfisser l-arja ġeografika indikata fit-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali;

Kap. 363.

"vettura N1" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha piż massimu ta' mhux iżjed minn 3.5 tunnellati.

Projbizzjonijiet.

3. Ħadd ma jista':

(a) jiddepożita jew iħalli f'xi post fil-beraħ fil-Belt Valletta xi landa taż-żibel, kaxxa wżata, flixkun, landa, kaxxa tal-kartun jew reċipjent iehor jew xi karta, tiben jew materjal ieħor użat għall-ippakkjar, jew xi skart iehor, ikun kif ikun ippakkjat jew iddepożitat, sabiex jiġu miġbura ħlief f'ħin li jkun raġjonevolment qrib u qabel il-ħin indikat f'dawn ir-regolamenti għall-ġbir tal-iskart;

(b) fl-ebda ħin, u lanqas f'dawk il-ħinijiet indikati f'dawn ir-regolamenti għall-ġbir tal-iskart, iħalli jew jiddepożita xi skart fil-Belt Valletta, ikun kif ikun ippakkjat jew iddepożitat, ħlief wara l-bieb tiegħu stess;

(ċ) jwaħħal, jabbanduna jew iħalli mwaħħal fi kwalunkwe post fil-beraħ fil-Belt Valletta ebda *flyers,* sinjali, *posters,* permessi skaduti jew kwalsijasi ħaġa oħra stampata.

Permess.

4. (1) Kull persuna li tkun trid tqiegħed *skip* fi kwalunkwe post pubbliku fil-Belt Valletta tkun teħtieġ li tikseb permess għal dan il-għan mill-Kunsill Lokali skond dawk il-proċeduri u soġġett għal dak il-ħlas illi jiġu stabbiliti mill-imsemmi Kunsill minn żmien għal żmien.

(2) Kull min jikseb permess mill-Kunsill Lokali biex iqiegħed *skip* fi kwalunkwe post pubbliku fil-Belt Valletta ikun obbligat li jara li tali *skip* jitneħħa minn fejn ikun tqiegħed sa mhux iżjed tard mit-8.00pm ta' dakinhar stess illi jkun tqiegħed fil-post u dan kemm jekk tali *skip* ikun imtela' u kemm jekk ma jkunx ġie mimli.

Kolletturi tal-iskart.

5. Il-ġbir tal-iskart fil-Belt Valletta jista' jsir biss minn

VERŻJONI ELETTRONIKA

kolletturi tal-iskart li jkunu reġistrati u liċenzjati għal dan il-għan mal-awtoritajiet kompetenti bl-użu ta' vetturi N1 tad-daqs u speċifikazzjonijiet indikati fl-Ewwel Skeda.

Ġbir tal-iskart fil-Belt Valletta.

6. (1) Il-ġbir tal-iskart fil-Belt Valletta jista' jsir biss f'kull ġurnata kalendarja, inkluż il-Ħdud u festi pubbliċi, kif ġej:

(a) għar-rigward ta' skart solidu muniċipali, bejn 7.00am u 8.30am u bejn 3.00pm u 5.00pm miż-żoni indikati fil-pjanta annessa mat-Tieni Skeda bħala ż-zoni għall-ġbir ta' skart solidu muniċipali minn trasportatur ta' skart solidu muniċipali; u

(b) għar-rigward ta' skart kummerċjali, bejn 3.00pm u 5.00pm u bejn 12.00am u 3.00am miż-żoni indikati fil-pjanta annessa mat-Tieni Skeda bħala ż-żoni għall-ġbir ta' skart kummerċjali minn trasportatur ta' skart kummerċjali.

(2) It-trasportaturi ta' skart kummerċjali huma obbligati li jiġbru l-iskart miż-żoni indikati fil-pjanta annessa mat-Tieni Skeda bl-użu ta' vetturi illi d-daqs u l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom huma konformi ma' dawk stabbiliti fil-paragrafu (b) tal-Ewwel Skeda u għandhom minnufih, f'post li għandu jiġi indikat għal dak il-għan mill-Kunsill Lokali, jittrasferixxu l-iskart kollu minnhom miġbur għal ġo vettura li tagħsar l-iskart.

(3) Il-ġbir tal-iskart għall-ippakkjar minn operaturi tal-ġbir tal-iskart li huma liċenzjati u kuntrattati biex jiġbru dan it-tip ta' skart jistgħu jiġbru dan l-iskart biss waqt il-ħinijiet stabbiliti fis-subregolament (1) l-użu ta' vetturi N1 li, għar-rigward ta' skart li għandu jinġabar miż-żoni indikati fil-pjanta annessa mat-Tieni Skeda bħala ż-zoni għall-ġbir ta' skart solidu muniċipali għandhom ikunu tad-daqs u speċifikazzjonijiet indikati fil-paragrafu (a) tal-Ewwel Skeda filwaqt li għar-rigward ta' skart li għandu jinġabar miż-żoni indikati fil-pjanta annessa mat-Tieni Skeda bħala ż-żoni għall-ġbir ta' skart kummerċjali għandhom ikunu tad-daqs u speċifikazzjonijiet indikati fil-paragrafu (b) tal-Ewwel Skeda.

Reati relatati ma' depożiti.

7. (1) Kull min, f'ġurnata li tkun skedata mill-awtoritajiet kompetenti għall-ġbir tal-iskart, jiddepożita, joħroġ jew iħalli skart iżjed kmieni minn 11.00pm fir-rigward ta' skart imħolli jew depożitat biex jinġabar bejn nofs il-lejl (12.00am) u 3.00am jew iżjed kmieni minn tletin minuta qabel 7.00am jew 3.00pm jew xi ħin ieħor għall-ġbir tal-iskart li jiġi mhabbar mill-awtoritajiet kompetenti jew jiddepożita, joħroġ jew iħalli l-iskart f'xi ġurnata li ma tkunx skedata mill-awtoritajiet kompetenti bħala ġurnata li fiha jinġabar l-iskart, ikun ħati ta' reat kriminali:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda stabbiliment kummerċjali li jkun jeħtieġ is-servizz ta' ġbir ta' skart barra mill-ħinijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti jista' jitlob lid-Diviżjoni biex tipprovdilu dan is-servizz li għalih ikun dovut ħlas fis-somma ta' ħamsa u għoxrin euro (€25) kull jum, jew inkella lil kull trasportatur ieħor tal-iskart:

Iżda wkoll, f'dak il-każ, l-istabbiliment kummerċjali jkun obbligat li jgħarraf lill-Kunsill Lokali mill-inqas erbgħa u għoxrin siegħa qabel il-ħin li fih ikun intiż li jsir tali ġbir ta' skart.

(2) Barra minn hekk, kull min, fi kwalunkwe ħin, inkluż f'dawk il-ħinijiet indikati f'dawn ir-Regolamenti għall-ġbir tal-iskart, iħalli jew jiddepożita xi skart fil-Belt Valletta, ikun kif ikun ippakkjat jew iddepożitat, fi kwalunkwe post għajr wara l-bieb tiegħu, ikun ħati ta' reat kriminali.

(3) Kull min iwaħħal, jabbanduna jew iħalli mwaħħal fi kwalunkwe post fil-beraħ fil-Belt Valletta xi *flyers*, sinjali, *posters*, permessi skaduti jew kwalsijasi ħaġa oħra stampata, ikun ħati ta' reat kriminali.

(4) Kull min iqiegħed *skip* fi kwalunkwe post pubbliku fil-Belt Valletta mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali jew, wara li jkun kiseb tali permess mill-Kunsill Lokali, jonqos milli jneħħi l-imsemmi *skip* sa mhux aktar tard mit-8.00pm tal-istess jum li għalih ikun ingħata l-permess biex iqiegħdu, ikun ħati ta' reat kriminali.

(5) Kull min jinstab ħati ta' reat bi ksur tas-subregolamenti (1) sa (4) jeħel:

(i) fil-każ tal-ewwel reat, multa (*ammenda*) ta' mitejn euro (€200);

(ii) fil-każ tat-tieni reat, multa (*ammenda*) ta' ħames mitt euro (€500);

(iii) fil-każ tat-tielet reat jew aktar, multa (*ammenda*) ta' elf euro (€1,000).

Reati relatati mall-kolletturi.

8. (1) Kull min jiġbor l-iskart mill-Belt Valletta f'xi ħin li ma jkunx il-ħin uffiċjali għall-ġgbir tal-iskart kif stipulat fir-regolament 6 jkun ħati ta' reat kriminali.

(2) Kull min jiġbor l-iskart mill-Belt Valletta bl-uzu ta' xi vettura li ma tkunx skond id-daqs u l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Ewwel Skeda ukoll ikun ħati ta' reat kriminali.

(3) Kull min, għalkemm ikun ikkuntrattat biex jiġbor skart

VERŻJONI ELETTRONIKA

kummerċjali jew skart solidu muniċipali f'dawk il-ġranet u matul dawk il-ħinijiet stabbiliti fir-regolament 6, jonqos milli jiġbor l-iskart f'dawk il-ġranet u matul dawk il-ħinijiet miż-żoni indikati fil-pjanti annessi mat-Tieni Skeda, skond il-każ, ukoll ikun ħati ta' reat kriminali.

(4) Kull min jinstab ħati ta' reat bi ksur tas-subregolament (1), (2) jew (3) jeħel:

(i) fil-każ tal-ewwel reat, multa (*ammenda*) ta' seba' mitt euro (€700);

(ii) fil-każ tat-tieni reat, multa (*ammenda*) ta' elf u ħames mitt euro (€1,500);

(iii) fil-każ tat-tielet reat jew aktar, multa (*ammenda*) ta' tlett elef euro (€3,000).

(5) F'kull każ fejn persuna tiġi akkużata li wettqet reat kriminali bi ksur ta' dawn ir-regolamenti bl-użu ta' vettura, il-kawża għandha tinstema' biss u esklussivament minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali.

Reati mwettqa b'vetturi.

9. (1) Kull meta persuna tinstab ħatja li wettqet reat kontra dawn ir-regolamenti bl-użu ta' vettura, sid dik il-vettura, fejn applikabbli, għandu jinżamm responsabbli bl-istess mod u grad.

(2) Kull meta persuna tinstab ħatja li wettqet reat kontra dawn ir-regolamenti bl-użu ta' vettura, il-qorti tista', b'żjieda mal-piena stabbilita skond dawn ir-regolamenti, tiskwalifika lill-ħati minn kull liċenzja tas-sewqan għall-perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur, fil-każ tal-ewwel reat, u għall-perjodu ta' mhux inqas minn sena fil-każ tat-tieni reat.

(3) Kull meta persuna tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar li wettqet reat kontra dawn ir-regolamenti bl-użu ta' vettura, il-qorti tista' tordna l-konfiska tal-vettura li biha jkun twettaq ir-reat.

Reati stabbilit fit-Tielet Skeda.

10. (1) Minkejja dak kollu li jinsab f'kull liġi oħra li tipprovdi għall-proċess u piena għal reati, meta xi persuna twettaq xi wieħed mir-reati msemmija fl-ewwel kolonna tat-Tielet Skeda, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin f'dan ir-regolament.

(2) Kull uffiċjal tal-pulizija jew gwardjan lokali li fil-fehma tiegħu jkun twettaq reat bħal dan ikun jista' jgħaddi lill-persuna li tkun wettqet tali reat avviż li jkun fih deskrizzjoni ġenerali tar-reat imwettaq flimkien mad-data, il-ħin u l-lok u n-numru ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

reġistrazzjoni tal-vettura li tkun intużat biex jiġi kommess tali reat, fejn applikabbli.

(3) Meta jinħareġ avviż bħal dan, il-persuna li tkun ingħatat tali avviż, jew kull persuna oħra li taċċetta r-responsabbiltà għal dak ir-reat, tista', fi żmien għaxart ijiem mill-ħruġ tal-avviż, tmur fil-post indikat fl-avviż, tipproduċi d-dokumenti indikati fl-avviż u tħallas il-multa indikata fit-tieni kolonna tat-Tielet Skeda riferibbli għar-reat, jew inkella tibgħat dawk id-dokumenti flimkien mal-ħlas permezz ta' posta reġistrata jew taffettwa l-ħlas b'kull mod iehor indikat fl-avviż.

(4) Jekk ma jsirx il-ħlas tal-multa indikata fl-avviż fi żmien għaxart ijiem, jittieħdu proċeduri ordinarji fir-rigward tal-reat kriminali mwettqa quddiem Tribunal Lokali maħtur mill-Ministru responsabbli għall-gustizzja jew il-qorti, skond il-każ.

(5) Jekk il-persuna timxi skond l-avviż u tħallas il-multa fiż-żmien preskritt, ebda proċeduri oħra m'għandhom jittieħdu fir-rigward tal-reat kriminali in kwistjoni u l-ħlas tal-multa għandu jitqies, għall-finijiet u l-efetti kollha, bħala ammissjoni ta' ħtija.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament japplikaw biss fil-każ tal-ewwel reat iżda ma japplikawx meta persuna tkun wettqet it-tieni reat jew aktar.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-EWWEL SKEDA
(Regolament 5)

Dimensjonijiet u Speċifikazzjonijiet ta' vetturi li bihom jista' jsir servizz ta' ġbir ta' skart fil-Belt Valletta

(a) Għall-ġbir ta' skart solidu muniċipali:

Vettura N1 li taħdem bil-gass jew bl-elettriku jew li tkun vettura elettrika ibrida jew vettura li ma tkunx inqas minn Euro 5 *standard* li d-dimensjonijiet tagħha ma jeċċedux is-segwenti speċifikazzjonijiet:

Tul:	6500 millimetru
Wisgħa:	2500 millimetru
Għoli:	2300 millimetru

(b) Għall-ġbir ta' skart kummerċjali:


Vettura N1 li taħdem bil-gass jew bl-elettriku jew li tkun vettura eletrika ibrida jew vettura li ma tkunx inqas minn Euro 5 *standard* li ma tkunx mgħammra b'mekkaniżmu biex tgħaffeġ l-iskart li d-dimensjonijiet tagħha ma jeċċedux is-segwenti speċifikazzjonijiet:

Tul:	6200 millimetru
Wisgħa:	2500 millimetru
Għoli:	2050 millimetru

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 6)

Pjanta tal-Belt Valletta li turi, fejn huwa mmarkat bil-lewn aħmar, iż-żoni li minnhom għandu jingħabar l-iskart kummerċjali matul dawk il-ħinijiet indikati fil-paragrafu (b) tas-subregolament 6(1) filwaqt li ż-żona rimanenti fil-konfini tal-Belt Valletta immarkat bil-linja sewda turi minn fejn għandu jingħabar l-iskart solidu muniċipali matul dawk il-ħinijiet indikati fil-paragrafu (a) tas-subregolament 6(1)



VERŻJONI ELETTRONIKA

IT-TIELET SKEDA
(Regolament 11)

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
Reat	**Multa**
Tiddepożita jew toħroġ l-iskart mhux fil-ħinijiet uffiċjali stabbiliti għall-ġbir tal-iskart	€100
Tiddepożita jew toħrog l-iskart mhux wara l-bieb tiegħek stess	€100
Twaħħal, tabbaduna jew tħalli mwaħħla *flyers*, sinjali, *posters*, permessi skaduti jew kwalsijasi ħaġa oħra stampata	€100
Tqiegħed *skip* mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali jew, wara li jkun inkiseb tali permess, tonqos milli tneħħi l-imsemmi *skip* sa mhux aktar tard mit-8.00pm tal-istess jum li għalih ikun ingħata l-permess	€100
Użu minn vettura għall-ġbir tal-iskart li ma tkunx skont id-dimensjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Ewwel Skeda	€ 350
Ġbir ta' skart fil-Belt Valletta mhux fil-ħinijiet uffiċjali stabbiliti għall-ġbir tal-iskart	€ 350
Nuqqas min-naha ta' persuni kuntratti biex jiġbru l-iskart li jiġbru l-iskart f'dawk il-ġranet u matul il-ħinijiet li fihom għandu jsir il-ġbir tal-iskart	€ 350